# Knisja ta' San Nikola f'Ħaż-Żebbuġ

Riċerka ta'
RAYMOND SALIBA

F'Ħaż-Żebbuġ insibu diversi affarijiet li jfakkruna f'San Nikola fuq firxa sewwa ta' snin.

Fil-Vista Pastorali li għamel Mons. Duzina fl-1575 huwa żar diversi knejjes dedikati lil San Nikola li jixhdu li dan il-qaddis kellu devozzjoni kbira fost il-Maltin.

Waħda minnhom kienet f'Ħaż-Żebbuġ, fin-naħa magħrufa bħala Ħal Muxi, qasam li kien raħal distint qabel l-1500. L-istat ta' din il-knisja ma jidhirx li kien tajjeb, għaliex kienet imġarrfa, bla renti, bla rettur u nieqsa mill-oġġetti li jintużaw għal kult, tant li ma kienx isir quddies fiha.

Il-knisja kien jieħu ħsiebha Nardi (Nardu) Pace, li kienet fuq proprjetà (art) tiegħu.

Il-Viżitatur ordna li skond id-direttivi tal-Konċilju ta' Trento din għandha tiġi pprofanata, bil-patt li ma tintużax għal skop ħażin u li Nardu jagħmel xbieha ta' San Nikola (*facem imaginem Stii Nicolai*) fil-knisja ta' Santa Marija f'Ħal Muxi stess.[1] Kemm saret din ix-xbieha ma nafux, iżda żgur li mill-1747 ma kinitx fil-knisja.[2]

Informazzjoni interessanti dwar din il-knisja ta' San Nikola ta' Ħal Muxi nsibuh imniżżel fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Molina tal-1680. Hawn jirrepeti li din ġiet profanata fl-1575 bl-obbligu li jsir il-kwadru msemmi fil-knisja viċina ta' Santa Marija. Ma' din iżid li l-knisja kienet fil-ġardina (giardinetto), li tmiss mad-dar ta' Gio. Martino Vassallo, u li fl-1608 dan kien obbligat li mil-beni tiegħu jħallas għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-qaddis, bil-primi vespri, quddiesa u kolazzjon. Insibu wkoll li biex jagħmel il-kwadru ta' San Nikola, tqabbad Mariano Vassallo, qarib ta' Martino.[3]

Interessanti wkoll riferenza li nsibu fl-Arkivju tal-Mużew tal-Katidral (Preb. 6 Decine decanali, 1522, f.113) li ssemmi *contrada Sancti Nicolai de Rure c. Zebbug* u li allura kienet proprjetà tal-Katidral. Godfrey Wettinger jgħid li din hi knisja ta' San Nikola f'qasam (art) madwar il-knisja parrokkjali tar-Raħal.[4] Jidhirli li dan għandu jittieħed għal limiti f'sens wiesa' u għalhekk il-probabbiltà hi li d-dokument kien qed jirreferi għall-knisja li semmejna qabel f'Ħal Muxi.

Ta' min isemmi wkoll li f'lista li ġabar Luret Vella tal-knejjes li sab Mons Duzina, minbarra dik li semmejna, jsemmi oħra li kienet fit-triq tar-Rabat, fejn illum hemm salib.[5] Però jista' jagħti l-każ li kien qed jirreferi għall-knisja ta' San Blas, jekk le, anke s-salib sparixxa! Probabbilment Luret Vella ħa din l-informazzjoni minn fuq A. Ferris.[6]

(IKOMPLI)

## RIFERENZI

1. ACM, Misc. 182, f, 183
2. ACM, Misc. 191, f, 148-9
3. ACM, Misc. 180, f, 164
4. *Place Names of the Maltese Island*, ca 1300- 1800, Malta, 2000, p. 500
5. *Storja ta' Ħaż-Żebbuġ*, (ed. Mons L. Cachia) Malta, 1986, p. 22
6. *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, p. 639